




*Imħejji minn*
*Ronald Mizzi*
*Research Analyst*
*Forum Malta fl-Ewropa*


# Nevitaw l-uġigħ fid-dahar!

Mhux l-ewwel darba tisma' nies jilmentaw minn uġigħ f'daharhom. Min jaf kemm filgħaxija tkun ġej fuq tal-linja u tiltaqa' ma' xi ħaddiema li jkunu għadhom kif lestew il-ġurnata tax-xogħol tagħhom u hekk kif iserrħu daharhom mas-sedil (jekk jilqu post) tismagħhom itennu "għall-erwieħ, kif qsamt dahri."

L-istatistika turi kif fis-27 Stat Membru ta' l-UE, 25% tal-ħaddiema jilmentaw minn uġigħ f'daharhom. Id-disturbi muskuloskeletali (MSDs) fil-fatt jikkostitwixxu l-aktar problema tas-saħħa relatata max-xogħol li hi komuni fl-Ewropa peress li taffettwa miljuni ta' ħaddiema. Meta nitkellmu dwar id-disturbi ta' l-MSDs, inkunu qed nirreferu għal dawk l-okkażżjonijiet meta l-istrutturi tal-ġisem bħall-muskoli, il-ġogi, l-għeruq li jgħaqqdu l-muskoli ma' l-għadam, il-ligamenti u n-nervituri flimkien mas-sistemi lokalizzati taċ-ċirkolazzjoni tad-demm jiddgħajfu jew imorru lura primarjament minħabba l-prestazzjoni tax-xogħol u l-effetti ta' l-ambjent immedjat fejn titwettaq il-ħidma.

Bosta fatturi jistgħu jwasslu għal dan l-uġigħ. Il-biċċa l-kbira jkun kawża ta' rfigħ manwali, xogħol fiżiku iebes u tul ta' ħin f'pożizzjonijiet milwija, iżda jista' jkun ukoll effett ta' ħafna stress, nuqqas ta' kuntentizza fuq ix-xogħol u sforz żejjed.

Tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll li l-MSDs huma l-akbar kawża ta' assenza mix-xogħol prattikament fl-Istati Membri kollha ta' l-UE, u f'uħud minnhom, sa 40% ta' l-ispejjeż relatati ma' kumpens lill-ħaddiema ġejjin mill-MSDs. Naturalment dan huwa ta' piż kbir għall-kumpaniji peress li jnaqqsilhom il-profitti u jipperikola l-kompetittività tagħhom u fl-istess ħin iżidu ma' l-ispejjeż soċjali tal-Gvern.

Minħabba dan l-għarfien, l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, dan l-aħħar nediet il-kampanja tagħha "Ħaffef il-Piż" bil-għan li tindirizza l-MSDs fuq il-post tax-xogħol u tqajjem kuxjenza akbar ta' din il-problema.

Il-kampanja għandha tliet miri prinċipali: li min iħaddem, l-impjegati u l-gvern, jaħdmu flimkien sabiex jindirizzaw din il-problema; li kull azzjoni li tittieħed f'dan ir-rigward tikkonsidra affarijiet oħra li jistgħu wkoll iservu ta' "piż fuq l-ġisem" (apparti mit-tagħbija li tinġarr) bħall-istress, tensjonijiet, fatturi ambjentali u kundizzjonijiet ħżiena fuq il-post tax-xogħol; u li min iħaddem jagħmilha faċli għal dawk l-impjegati li jbatu mill-MSDs meta dawn jerġgħu jidħlu lura għax-xogħol.

Il-Kummissarju ta' l-UE għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs Vladimir Špidla sejjaħ l-indirizz ta' din il-problema bħala prijorità assoluta għal żewġ raġunijiet prinċipali; sabiex iċ-ċittadini ta' l-UE igawdu minn xogħol ta' kwalità aħjar, u biex tirrifletti t-tibdil demografiku li qed iseħħ li b'konsegwenza tiegħu, il-probabbiltà hija li l-ħaddiema t'issa ħa jkollhom jaħdmu aktar. Għaldaqstant jeħtieġ li daharna nibżgħu għalih aktar minn qatt qabel!

Hemm bżonn għalhekk ta' strateġiji ċari li jpoġġu lill-ħaddiem fiċ-ċentru tar-riformi meħtieġa fuq il-post tax-xogħol sabiex din il-problema tittaffa kemm jista' jkun.

Il-kampanja ser tilħaq il-qofol tagħha bejn it-22 u s-26 t'Ottubru 2007 meta ser tiġi organizzata ġimgħa Ewropea għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol b'firxa t'attivitajiet u avvenimenti fl-Ewropa kollha. Ser jiġu organizzati wkoll premjijiet għall-prattika tajba sabiex jiġu rikonoxxuti dawk l-organizzazzjonijiet li jkunu taw kontributi innovattivi u li jispikkaw bil-mod li bih jindirizzaw il-problema. Dawn ir-rebbieħa ser jiġu mħabbra f'avveniment f'għeluq il-kampanja f'Marzu 2008.